TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 377/09

**Frances Sammut**

**vs**

**Telephone Box**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 t'Awwissu, 2009 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara ċertu żmien dan ma baqax jaħdem sewwa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat mobile phone għal prezz ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), u wara ċertu żmien dan beda bil-ħsara.

It-Tribunal qabbad l-espert Martin Bajjada sabiex jeżamina dan il-*mobile phone* u kkonkluda li kellu problemi fis-*software*.

Fil-fatt it-Tribunal ordna li jiġi rranġat is-*software*, pero' wara ftit reġa' bil-ħsara.

Din id-darba tqabbad Clifton Cassar li huwa espert f'din il-materja fejn ikkonkluda bir-ritratti li kien hemm xi *corrosion*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet kollha u lill-esperti, u wara li ra r-rapport ta' l-espert u l-provi u n-nota ta' sottomissjoni, jinnota illi minħabba li kien hemm il-*corrosion*, il-problema baqgħet hemm.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888